**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 29 t'Awwissu 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 162/2024JPG**

**Kawza Nru.: 22**

**CT**

**Vs**

**MD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 2 ta' April 2024, a fol 1 et seq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Settembru 2010 (vide kopja ta' certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok A) u minn dan iz-zwieg ma kellhom ebda ulied;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Jean Carl Debono tas-7 ta' Jannar tas-sena 2016, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa bhala Dok B;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li ilhom separati snin twal u illum ifformaw hajjiet totalment separati u distinti minn xulxin;*

*Illi l-partijiet kienu rrinunzjaw ghall-manteniment reciproku;*

*Illi b'hekk huma soddisfatti r-rekwiziti kollha tal-artikolu 66B et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-esponenti xtaqet tipprevalixxi ruhha mid-drittijiet lilha moghtija sabiex titlob il-hall taz-zwieg bejnha u bejn l-intimat;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Il-hall taz-zwieg bejnha u bejn l-intimat MD;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien li tistabilixxi din l-istess Qorti, javza lid-Direttur Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti, gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 9 ta' Mejju 2024, a fol 9 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent jikkonferma illi l-partijiet izzewwgu nhar it-tmienja ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (08.09.2010), u li ilhom separati minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt redeatt minn Nutar Jean Carl Debono data is-sebgha ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (07.01.2016);*

2. *Illi l-esponent ma ghandu l-ebda oppozizzjoni ghat-talbiet attrici;*

3. *Illi ghal dan il-ghan, l-esponent qieghed jissottometti affidavit bil-gurament tieghu kontetwalment mar-risposta odjerna, immarkat bhal Dok A.*

Rat illi fil-verbal tal-24 ta' Gunju 2024, (Fol 14) il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx xhieda ulterjuri x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 13)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-8 ta' Settembru 2010 u li minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 7 ta' Jannar 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono. Di piu', tikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed (vide affidavit fol 10)** u kkonferma u kkorrobora ma dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Settembru 2010 liema zwieg jgib certifikat numru 1799/2010 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono nhar is-7 ta' Jannar 2016 (Vide fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1799/2010 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**